MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 445/2009/1

**Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li ressqet fit-12 ta’ Mejju, 2009, u li jaqra hekk:
“1. Illi r-rikorrenti twieldet nhar is-sebgħa (7) ta’ Frar tas-sena elf disa’ mija u sitta u tmenin (1986) u fl-Att tat-Twelid tagħha li jġib in-numru disa’ mija u sebgħa u sittin

sbarra sitta u tmenin (967/86) jinsab reġistrat bl-isem u kunjom "Stefania Vella Laurenti" (Ara Dok. A);

"2. Illi r-rikorrenti dejjem użat għaliha l-isem ta' "Steffi" u l-familja tagħha kif ukoll ħbiebha konsistentement sejħulha bl-isem "Steffi" u mhux bl-isem "Stefania";

"3. Illi dan l-istat ta' fatt qiegħed jikkaġuna inkonvenjent u preġudizzju lir-rikorrenti, kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-ħajja privata u kwotidjana tagħha kif jista' jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

"4. U illi l-Artikolu 253 (2) u (3) tal-Kapitolu 16 tal-Kodiċi Ċivili, jagħti d-dritt lir-rikorrenti tagħmel talba lill-Qorti għar-reġistrazzjoni tal-isem u tal-kunjom li konsistement kienet legalment imsejħa bihom;

"Għaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti titlob bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

"1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-isem "Steffi" u mhux dak ta' "Stefania" huwa l-isem li r-rikorrenti minn dejjem użat għaliha nnifisha u li kienet minn dejjem u konsistentement magħrufa bih sal-lum;

"2. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrenti għandha tiġi msejħa "Steffi Vella Laurenti";

"3. Tordna li l-isem "Stefania" kull fejn jidher fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti numru 967/86, jiġi mibdul mal-isem "Steffi" u dan għandu jiġi rifless f'kull att tal-Istat Ċivili relattiv;

"Bl-ispejjeż, kollha kontra l-intimat li huwa nġunt għas-subizzjoni tiegħu."

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi preliminarjament, qabel is-smiegħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

"2. Illi fit-tieni lok it-talbiet tar-rikorrenti qiegħdin jiġu opposti għaliex ma teżistix il-ħtieġa li ssir bidla fl-att tat-twelid tar-rikorrenti *stante* li l-isem ta' 'Steffi' m'huwiex għajr abbrevjament tal-isem 'Stefania' – ara f'dan is-sens il-ġudikat tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili per Imhallef Philip Sciberras fl-ismijiet "Nardu Balzan Imqareb vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku" deciz fit-30 ta' Ġunju 2004;

"3. Illi subordinatament bla ħsara għall-premess in kwantu jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent m'huwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u fid-dokumenti hemm mehmuża, għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti. Madankollu f'dan il-kuntest tajjeb li jingħad li l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taħt l-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta m'hijiex xi miżura ordinarja li hija miftuħa għall-inizjattiva diskrezzjonali tal-individwu. Għal kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija miżura straordinarja għal skopijiet pubbliċi intiża esklussivament biex telimina mill-imħuħ tan-nies kull possibbilta' ta' konfużjoni u diżordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-individwu. Kwindi l-awtorizzazzjoni ġudizzjali ta' bidla fl-isem m'għandhiex tiġi konċessa għaliex ir-rikorrenti sempliċiment tixtieq tbiddel isimha, iżda tali awtorizzazzjoni għandha tingħata biss jekk jirriżulta li din hija meħtieġa assolutament għall-esiġenza pubblika;

"4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, it-tielet talba tar-rikorrenti in kwantu tirreferi għal atti tal-istat ċivili oħra apparti l-att tat-twelid numru 967/1986 hija insostenibbli *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta *stante* li r-rikorrenti kellha tispeċifika n-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li għalihom qed tagħmel referenza;

"5. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal dak fuq espost l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti m'hijiex attribwibbli għal xi għemil jew

nuqqas ta’ aġir da parti ta’ l-esponenti, u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

“6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

“Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta’ Novembru, 2009, li in forza taghha laqghet it-talbiet attrici, bl-ispejjez jithallsu mill-istess attrici;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

“It-talba attriċi hija ġustifikata mid-dokumenti esebiti. Jidher in fatti li r-rikorrenti dejjem (minn meta twieldet) kienet magħrufa bħala *Steffi*; il-liġi ma timponix li biex issir kawża taħt l-artikoli msemmija jrid ikun hemm żball iżda biżżejjed il-prova li r-rikorrenti tkun dejjem issejħet bl-isem li trid iżżid fiċ-ċertifikat. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dan u m’għandux ibati spejjeż.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha tilqa’ dan l-appell u ghalhekk tirriforma u tvarja s-sentenza tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet “Stefania maghrufa bl-isem Steffi Vella Laurenti v. Direttur tar-Registru Pubbliku” Citazzjoni numru 445/2009 deciza fil-5 ta’ Novembru 2009 billi tikkonfermaha fil-parti dwar il-kap tal-ispejjez fejn akkollat l-ispejjez tal-kawza fuq l-attrici u thassarha u tirrevokaha f’dik il-parti fejn laqghet it-talbiet attrici u minflok tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-appellant konvenut, bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-imsemmija attrici appellata.

Rat ir-risposta tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet sabiex din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi jithallsu mill-appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

F'din il-kawza, l-attrici, li hi registrata bl-isem "Stefania" (u hu wkoll b'dak l-isem li bih hi registrata li ghandha tigi msejjha), izda tghid li dejjem kienet imsejjha bl-isem "Steffi", qed titlob li ssir korrezzjoni fl-att ta' twelid taghha biex jigi rispekkjat dan il-fatt.

L-ewwel Qorti accettat it-talba taghha, izda l-kovenut qed jappella u jargumenta li "Steffi" ma hux hlief il-verzjoni qasira tal-isem "Stefania", u allura ma hemmx lok ta' bidla fir-registrazzjoni.

Trattat l-appell, din il-Qorti fil-principju taqbel ma' dak li qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Nardu Balzan l-Imqareb v. Direttur tar-Registru Pubbliku**, deciza fit-30 ta' Gunju, 2004, fis-sens illi:
"*Finalment kwantu ghat-talba ghat-tibdil fl-isem minn "Leonardo" ghal "Nardu" din il-Qorti, bir-rispett, ma tarax is-serjeta` ta' talba bhal din billi, kif tajjeb gie eccepit mill-konvenut, l-isem pretiz mill-attur mhu xejn hlief abbrevjament tal-isem "Leonardo" u ghalhekk l-ebda korrezzjoni ma hi strettament mehtiega.*"

Din il-posizzjoni hi llum riflessa fil-proviso ghall-Artikolu 253(2) tal-Kodici Civili (introdott bl-Att XV tal-2012).

L-attrici tghid li l-isem "Steffi" mhux abbrevjament tal-kelma "Stefania", izda isem differenti. Tghid li l-isem "Stefania" ghandu origini Grieg, waqt li "Steffi" ghandu origini Germaniz. Ghalkemm, ipproduciet dokument li jindika dan, fl-atti hemm dokumenti ohra li jghidu li l-isem "Steffi" huwa isem Grieg, u gej mill-isem "Steven" li jfisser

“crown”, li hi l-istess tifsira moghtija lill-isem “Stefania”. Jidher, allura, li kemm “Stefania”, kif ukoll “Steffi” ghandhom l-istess origini Griega u l-istess tifsira, u kwindi ma jistax jinghad li huma ismijiet differenti. Ma hemmx, kwindi, bdil ta’ isem, izda merament akkorcjament jew tqassir tal-isem registrat “Stefania” ghal “Steffi”. Hawn mhux kaz li l-bidla hija mehtiega biex tnehhi mill-imhuh tan-nies kull possibbilita` ta’ konfuzjoni dwar l-indentifikazzjoni ta’ dik il-persuna, ghax hawn qed nitkellmu mill-istess isem, u min isejjah lill-attrici bl-isem ta’ “Steffi”, jew anke “Stef”, jaf li isimha proprju, wisq probabbli, ikun “Stefania”.

Korrezzjoni ssir, kif tajjeb qalet l-ewwel Qorti, mhux biss meta hemm zball fl-isem kif indikat fl-att ta’ twelid, izda wkoll meta, tul iz-zmien, ikun hemm bidla fl-isem kif registrat. F’dan il-kaz, pero`, ma hemmx “bidla”, izda tqassir tal-istess isem, forsi ghall-konvenjenza.

Kwindi l-korrezzjoni mitluba ma tistax tintlaqa’.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-konvenut billi tilqa’ l-istess, thassar u tirrevoka s-sentenza li tat l-ewwel Qorti fil-5 ta’ Novembru, 2009, u tghaddi biex tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------